Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 81/2013AE

**Sebastiano Vella**

**Vs**

**Transfer of Residence Exemption Board u b'digriet tas-26 ta' Frar 2014 gie kkjamat fil-kawza l-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u li b'digriet tas-6 ta' Gunju 2014 isem il-Ministeru kjamat in kawza gie jaqra l-Ministeru ghall-Finanzi**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

B'rikors prezentat fil-5 ta' Marzu 2013, ir-rikorrent (illum appellat) kien talab lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex:

*"….. jirrevoka u jhassar id-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board imsemmija fl-ittra Dokument B u tordna lill-istess Board biex jaccetta t-talba tar-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni dwar il-vettura Hyundai Matrix CP 098 VJ u dan peress li kemm ir-rikorrent u kif ukoll l-istess vettura jikkwalifikaw ghal tali ezenzjoni".*

B'sentenza tas-6 ta' Gunju 2014, it-Tribunal:

1. Illibera mill-osservanza tal-gudizzju lit-Transfer of Residence Exemption Board;
2. Hassar id-decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi tat-13 ta' Frar 2013, u ordna lill-istess intimat sabiex jikkoncedi lir-rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura Hyundai Matrix bin-numru ta' registrazzjoni CPV 098 VJ.

**<u>Appell</u>**.

Il-Ministeru tal-Finanzi appella mis-sentenza. L-aggravji huma:-

1. It-Tribunal kellu japplika r-regolament 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. It-terminu sabiex tapplika ghal ezenzjoni minn taxxa fuq vettura, hu ta' tletin jum. Terminu li hu perentorju u kien skada meta applika l-appellat.
2. L-appellant ma kellu l-ebda obbligu li fil-formola jiddikjara dak li tippovdi l-ligi.

3. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni taghrif li ma kienx fil-process. It-Tribunal qal x'fiha llum il-formola li persuna trid timla' biex tapplika ghal ezenzjoni, meta fl-atti m'hemmx dan id-dokument.
4. Bhala rimedju t-Tribunal ta iktar milli suppost. Dan meta ordna lill-Ministeru biex jaghti lir-rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa.

**Twegiba tal-appellat**.

Is-sentenza tat-Tribunal hi gusta u ghandha tigi kkonfermata. L-appellat kien gie ndott fl-izball ta' dak li tghid il-ligi minn min suppost qieghed hemm biex jiggwidah.

**Fatti**.

1. Ir-rikorrent wasal Malta fit-13 ta' Ottubru 2012, u ha r-residenza tieghu hawnhekk. Dakinhar stess il-vettura ddahhlet f'Malta.
2. Fit-3 ta' Dicembru 2012, l-appellat ipprezenta applikazzjoni (VEH07) biex jinghata ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq il-vettura Hyundai Matrix bin-numru ta' registrazzjoni CPV 098 VJ.
3. B'ittra datata 13 ta' Frar 2013, l-appellat gie nfurmat: *"Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(e)"*.

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri.

Skond Regolament 4(3)(e) tar-*Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur* (L.S. 368.01), *"… meta persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun diga' waslet Malta"*, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien ***"tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta"***.

Dan it-taghrif ma kienx jinsab fil-formola VEH 07 (fol. 39) li l-appellat ipprezenta lill-Ministeru tal-Finanzi. Pero' fil-formola hemm miktub:

*"A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date"*.

Dan hu riproduzzjoni tal-verzjoni bl-Ingliz tar-regolament 4(3)(d) tal-Ligi Sussidjarja, li bit-test Malti taqra:-

*"l-applikazzjoni biex il-vettura tigi ezentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data"*.

Il-qorti tinnota:-

i. It-traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza tal-paragrafu (d) mit-test bil-Malti, hi verament fqira.
ii. F'kull kaz minn dan l-estratt stampat fil-formola, wiehed jinghata x'jifhem li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant isir residenti f'Malta u mhux iktar minn 24 xahar wara dik id-data. Madankollu m'hemmx prova tad-data meta l-appellat ghamel ir-ricerka fuq is-sit ta' Transport Malta u ghamel download tal-formola VEH 07. Dan ifisser li m'huwiex maghruf jekk fir-realta' l-appellat kienx zgwidat bit-taghrif li hemm fl-istess formola.

It-Tribunal kien korrett meta qal li: *"... huwa tal-fehma illi l-amministrazzjoni pubblika f'dan il-kaz naqset bil-kbir"*. Pero' jibqa' 'l fatt li skond il-ligi sabiex persuna ***"... tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni ....."*** [Regolament 4(3)], wahda mill-kundizzjonijiet hi li meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun waslet Malta, l-applikazzjoni ghandha ssir fi ***".... zmien tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta"***. M'huwiex kontestat li ghal dan il-kaz, tapplika din il-kundizzjoni[1]. It-Tribunal stess qal: *"... ladarba l-vettura waslet hawn Malta mar-rikorrent, skatta t-terminu ta' tletin gurnata entro liema r-rikorrenti kien obbligat japplika ghall-ezenzjoni ai termini tar-Regolament 4(e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01"*. Fl-applikazzjoni, l-appellat iddikjara li b'effett mit-13 ta' Ottubru 2012 beda jirrisjedi Malta. Mill-affidavit tal-appellat u d-deposizzjoni ta' martu, il-qorti fehemet li l-vettura ddahhlet Malta dakinhar li l-appellat wasal f'Malta. Dan ifisser li t-tletin gurnata bdew jiddekorru minn dakinhar. Ghalhekk skond il-ligi, il-vettura tal-appellat ma kinitx tikkwalifika ghall-ezenzjoni ghaliex l-applikazzjoni giet prezentata fit-3 ta' Dicembru 2012, cjoe' wara li ghaddew tletin gurnata mid-data meta l-appellat ittrasferixxa r-residenza tieghu f'Malta (13 ta' Ottubru 2012). Hu veru li bit-taghrif stampat fil-formola VEH07 kif kienet fiz-zmien tal-kaz in ezami, applikant kien qieghed jigi zgwidat dwar il-perjodu meta japplika, pero':

i. Fil-kaz in ezami m'hemmx prova meta l-appellat ra l-applikazzjoni ghall-ewwel darba mill-*website* ta' Transport Malta. Ghalhekk m'huwiex maghruf jekk l-appellat rax il-formola meta t-tletin gurnata kienu ghadhom ma skadewx jew wara li kienu skadew. Ovvjament jista jghid li gie zgwidat mit-taghrif li hemm fil-formola, biss fl-eventwalita li ra l-formola qabel skadew it-tletin jum li jissemmew f'paragrafu (f).

---

[1] Fir-rikors promotur, l-appellat qal: *"Illi filwaqt li hu veru illi skond ir-regola nru. 4(3)(e) tal-Avviz Legali Nru. 6 tal-2012 l-applikazzjoni in kwistjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vetura tkun waslet Malta, ........."*.

ii. F'kull kaz il-ligi hi cara. Ladarba m'huwiex kontestat li ghall-kaz tal-appellat japplika paragrafu (f) u meta l-appellat applika kienu diga' skadew it-tletin jum, allura l-vettura tieghu ma kinitx tikkwalifika ghal ezenzjoni. Dan ifisser li d-decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* kienet skond il-ligi, li fih innifsu jfisser li m'hemmx lok ta' stharrig tad-decizjoni tal-Bord. Fl-ghoti ta' decizjoni l-Bord hu marbut li japplika l-ligi. Jekk ikun mod iehor ikun qieghed jiddeciedi *ultra vires*.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Thassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tas-6 ta' Gunju 2014.**
2. **Tichad it-talba tar-rikorrent maghmula fir-rikors li pprezenta fil-5 ta' Marzu 2013.**

**Spejjez a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.